# IT-TUBRU

**14 ta' Novembru 1971**

**ta' J.P. VASSALLO**

Erba' njamiet u fuq faldrappa sewda,
Erba' xemgħat inemmnu ftit sfajrin,
Erba' suldati b'rashom baxxa mnikkta,
Mistrieħa idhom fuq ċipp t'azzarin.

Fwieħa ta' nċens u kant mismut ta' l-orgni
Mrażżan, meqjus, ilissen diqa u sabar,
Jgħammed il-għajn bid-dmugħ u jnissel tama
Ta' ħajja w ferħ 'l bogħod, 'l bogħod mill-qabar.

Dan kollhu għadda: għabet din id-dehra
Li kienet twennes tifkira ta' mrar;
Qoxra ta' frotta hi id-dehra ħelwa
Tħaddan il-qalba sakemm ħinha sar.

Għaliex, għaliex is-simbolu warrabtli
U r-rabta ta' l-imgħoddi hekk stmerrejt?
Nibki l-warrani u ma nistax nistejqer...
Għaliex vojt ġewwa qalbi hekk ħallejt?

Bis-sensi dnibt u b'sensi rrid nadura,
U ngħożż irrid il-wirja tal-ħolqien,
Ngħannaq ħalluni s-simbolu ma' Qalbi
Għax simboli biss nara kullimkien.

Baħar u xemx u bewsa ta' l-imħabba,
U l-għana tal-għasafar qalb il-ħdura,
Tbissim u dmugħ, tiġrib u ferħ u sabar
Huma tar-ruħ il-għalf u il-maxtura.

* * *

# ISS'INŻEL XEMX

Fuq soqfa mqaxxra x-xemx, għax tħobb, titgħażżen
u tilgħab mas-sħabiet li qed jiċċarrtu.
L-ulied samrana jħarsu 'l fuq jitolbu:
"Iss' inżel, xemx, u ħalli demmna jiksaħ."

**Oliver Friggieri**



# ĦAMES LIMERIKKI

**TA' VINCENT CARUANA**

Kien hemm mara viċin ta' Kastilja
Li xħin bdiet sabiex tiekol kustilja
Belgħet għadma bil-ponta.
Fuqha ġiet il-mewt pronta.
U l-kustilja kiluha l-familja.

Kien hemm raġel mill-Belt, ħdejn ix-Xatt;
Deijem jiġbed, ma kien jieqaf qatt.
Mhux jiġbed għax dagħaj;
Jiġbed spiss is-saqaj',
U kultant anki jiġbed ritratt

Kien hemm mara fil-qrib ta' Binġemma
Illi kienet tħobb ħafna tissemma'.
Mhux tissemma MIN-nies,
'Ma tissemma' LIN-nies;
U b'hekk ħafna stejjer iġġemma'.

Kien hemm mara xi mkien lejn il-Mosta
Magħrufa li hi bosta tosta.
Dak li trid u tiggosta
Minnek tieħdu bil-frosta,
U l-ittri bla bolli timposta.

Kien hemm raġel li jismu Kalanġ
Tiela b'rota mit-Telgħa tal-Ganġ,
Iżda b'xorti ħażina
Inqatgħetlu l-katina,
U għalhekk reġa' lura bħall-granċ.

---

NOTA TA' L-AWTUR — Fit-tielet limerikka hemm tliet darbiet il-kelma "tissemma". Naħseb li dik tat-tielet vers għandha tinkiteb mingħajr apostrofu (tfisser "to get mentioned"), filwaqt li t-tnejn l-oħra għandhom jinkitbu bl-apostrofu (ifissru "to overhear").